MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2003

Numru 45/1996

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Vella**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fis-6 ta' Awissu 2001 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Rat l-att ta' akkuza numru 45 ta’ l-1996;

Rat l-ordni ghas-separazzjoni tal-gudizzju moghti fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Frar, 2000;

Semghet, fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha, 2 ta’ Awissu, 2001, il-verdett tal-gurati li bih b’seba’ (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Joseph Vella hati skond l-ewwel kap tal-Att ta’ Akkuza; b’seba’ (7) voti favur u zewg (2) voi kontra sabu lill-istess Joseph Vella hati wkoll skond it-tieni kap tal-Att ta’ Akkuza; u unanimament sabuh mhux hati skond it-tielet kap tal-Att ta’ Akkuza;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-Avukat Prosekutur Dott. Mark Said, maghmula fl-udjenza msemmija (cioe` tat-2 ta’ Awissu, 2001), li permezz taghha irtira l-akkuza tar-recidiva fil-konfront tal-imsemmi Joseph Vella; tosserva wkoll li fil-kors ta’ l-indirizz lill-gurati il-Qorti tathom direttiva sabiex jinjoraw l-aggravju tad-distanza msemmi kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni kap, filwaqt li bi zvista ma indirizzathomx dwar ic-cirkostanza msemmija fit-tieni kap u cioe` c-cirkostanza li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, b’mod ghalhekk li fir-rigward tat-tieni kap il-verdett ghandu necessarjament jissarraf f’wiehed ta’ htija ta’ pussess semplici;

Tiddikjara lil Joseph Vella mhux hati skond it-tielet kap tal-Att ta’ Akkuza u minnu tilliberah; tiddikjarah, izda, hati talli fit-12 ta’ April, 1996 u fix-xhur ta’ qabel assocja ruhhu ma’ persuna f’dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f’dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u dan skond l-ewwel kap tal-istess Att ta’ Akkuza; u tiddikjarah ukoll hati talli fit-12 ta’ April, 1996 u fix-xhur ta’ qabel kellu fl-pussess tieghu droga msemmija fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta’ Akkuza;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, lill-Avukat Dott. Joseph Mifsud ghall-hati dwar il-piena kif ukoll lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz,

inkluza l-fedina penali tal-hati u z-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dana l-kaz; rat ukoll is-sentenza taghha tat-3 ta’ Frar, 2000 moghtija fil-konfront ta’ Chrsitopher Schembri (li kien originarjament ko-akkuzat mal-hati Joseph Vella), liema sentenza giet konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fid-19 ta’ April, 2001;

Tosserva a propositu tal-piena, li l-piena applikabbli f’dan il-kaz hija dik li kienet fis-sehh <u>qabel</u> l-emendi introdotti bl-Att XVI tal-1996 (li bdew fis-sehh fil-5 ta’ Lulju, 1996), b’liema emendi kemm il-piena taht l-Artikolu 22(2)(a)(i) telghet ghall-prigunerija ghall-ghomor kif ukoll inbidlet il-lokuzzjoni adoperata fis-subartikolu (3A) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(ii) u 26 tal-Kap. 101; ir-regola 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta’ l-1939); u l-Artikoli 11, 17(b), 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Joseph Vella ghall-piena ta’ tmien (8) snin prigunerija mill-lum u multa ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000), konvertibbli din il-multa f’sitt xhur prigunerija ohra f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur is-somma ta’ mija w sittin lira u tlieta w sittin centezmu (Lm160.63) rappresentanti nofs l-ispejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri, u dan fi zmien gimghatejn mill-lum;

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita f’dan il-kaz taht l-awtorita` taghha, liema distruzzjoni ghandha ssir mhux aktar tard minn erba’ gimghat mill-lum mill-Ispizjar Mario Mifsud (li qed jigi nominat ghal dana l-fini) kemm-il darba xi wahda mill-partijiet ma tindikax, permezz ta’ nota presentata mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum, li din id-droga hija mehtiega in konnessjoni ma’ l-istess proceduri quddiem qorti ohra jew in konnessjoni ma’ proceduri ohra; l-ispizjar Mifsud ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji tad-distruzzjoni, liema *proces-verbal* ghandu jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza";

Rat li minn din is-sentenza Joseph Vella nterpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 20 ta' Awissu 2001, u dan billi hassu aggravat kemm mill-verdett tal-gurati u ta' sejbien ta' htija taht l-ewwel u taht it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u kif ukoll mill-piena fuqu imposta, u b-liema rikors talab li din il-Qorti tirriforma l-verdett tal-gurati billi tikkonfermah in kwantu ma giex misjub hati taht it-tielet kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u minnu gie lliberat u thassar id-dikjarazzjoni ta' htijas taht l-ewwel kap u taht it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u tordna li jigu registrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni, u fin-nuqqas li taghti piena li tkun taghmel aktar ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma maqsuma fi tliet partijiet u jikkonsistu fis-segwenti:

"1. Fil-kors tal-guri kien hemm irregolaritajiet u kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghu influwenzaw fuq il-verdett tal-gurati u dan partikolarment fl-indirizz tal-Onor. Imhallef illi ppresjeda l-guri.

2. L-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti u dan peress illi l-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex isibu lill-esponenti hati la taht l-ewwel kap u lanqas taht it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza u dan peress illi l-provi ma jwasslux ghac-certezza morali li trid il-ligi.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena inflitta fuq l-esponent hi wahda gravuza ferm tenut kaz tac-cirkostanzi kollha tal-kaz";

Ghall-ahjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li jigu trattati l-aggravji ta' l-appellant fl-istess ordni li nghataw fir-rikors ta' appell. Konsegwentement, din il-Qorti ser tibda l-ewwel billi

tikkunsidra l-allegati irregolaritajiet u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Dan l-aggravju jippernja fuq zewg binarji.

L-appellant jissottometti l-ewwelnett li meta l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri ndirizza lill-gurati dwar it-tieni kap, apparti l-fatt li naqas li jindirizzahom dwar l-element meta droga ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur (punt li l-appellant stess pero` jghid li giet rimedjata mill-Onor. Imhallef wara l-verdett), l-Onorevoli Imhallef indirizza lill-gurati "b'mod illi l-pussess taht it-tieni kap kien fl-ahhar tnax-il xahar li bdew fit-12 ta' April 1996 u dan meta fil-fatt f'dan il-kap l-akkuza ssemmi biss il-gurnata specifika tat-12 ta' April 1996. Dan hu rifless anke fis-sentenza."

Dwar dan l-ilment l-appellant assolutament m'ghandux ragun. L-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza jirreferi testwalment ghal "fix-xhur ta' qabel it-tnax (12) t' April tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), u nhar l-istess gurnata". It-tieni kap jirreferi ghal "fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi". Is-sentenza moghtija fis-6 ta' Awissu 2001 tiddikjara lill-appellant hati "talli fit-12 ta' April, 1996 u fix-xhur ta' qabel". Proprju fit-tielet pagna tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz, insibu li l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri spjega: "ifisser l-ewwelnett li x'gara jew ma garax fit-12 ta' April 1996 u fix-xhur ta' qabel - dak li jinteressana, infatti aktar tard nghidilkom li intom bhala parametri tridu taraw it-12 ta' April u tnax-il xahar qabel, ma hemmx ghalfejn aktar Sinjuri Gurati, tnax-il xahar qabel". U mill-gdid f'pagna 38 tat-traskrizzjoni nsibu li l-Onorevoli Imhallef jerga' jghid lill-gurati: "it-tieni element - li kellu dan il-pussess fit-12 ta' April 1996 jew fit-tnax-il xahar ta' qabel it-12 ta' April 1996, jigifieri r-range, it-time-frame, huwa li hemm 12th April 1996 lura ghal tnax-il xahar". U mill-gdid f'pagna 39 tat-traskrizzjoni: ""l-ewwel element - li fit-12 ta' April 1996 jew fit-tnax-il xahar ta' qabel - mela rridu niehdu li gara wara jew li gara qabel, daka rrilevanti ghax l-akkuza hija llimitata ghat-12 ta' April 1996 jew fit-tnax-il xahar ta' qabel". U f'pagna 41: "l-ewwel element - li fit-12 ta' April 1996 jew fit-tnax-il xahar ta' qabel".

M'hemm l-ebda dubju ghalhekk li dan l-ilment huwa infondat.

It-tieni ilment ta' l-appellant in konnessjoni ma' l-ewwel aggravju jikkoncerna meta l-Onorevoli Imhallef indirizza lill-gurati fuq il-provi. L-appellant isostni li l-Onorevoli Imhallef ghamlu b'mod li jmur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali. Ighid li filwaqt li dan l-artikolu jipprovdi li l-Imhallef ghandu "jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom", l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri mar oltre minn hekk billi meta ghamel rassenja tal-provi stieden lill-gurati biex jaraw jekk fatti illi rrizultaw u li kienu favur l-akkuzat kinux verosimili u dan b'detriment kontinwu ghat-tezi ta' l-appellant. Isostni wkoll l-appellant li meta wiehed iqis il-verdett tal-gurati fid-dawl tal-fatti li rrizultaw waqt il-guri, kien hemm zbilanc kbir bejn il-mod kif l-Onorevoli Imhallef ittratta l-fatti favur it-tezi tal-prosekuzzjoni u l-fatti favur it-tezi ta' l-akkuzat b'mod li jista' jinghad illi l-indirizz kien wiehed "biased" u "unfair".

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri u tista' tafferma li ma hemmx elementi ta' "bias" jew ta' "unfairness" f'dan l-indirizz.

Kull indirizz irid ikun bilancjat, u l-kaz tad-difiza ghandu jigi pprezentat b'mod adegwat. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid:

"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the ‘substance’ of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. ‘[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…’ (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must*

*be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.*

The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. D15.16, p.1448) naqraw:

"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."

Fil-kaz in ezami, l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza diversi drabi lill-gurati r-rwol taghhom bhala "l-imhallfin tal-fatti", u li huma biss iridu jiddeciedu x'jaccettaw jew ma jaccettawx mill-provi. Mis-segwenti bran biss (a pagni 5 u 6 ta' l-indirizz) jirrizulta kemm l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri sahaq dwar dan ir-rwol li jfisser ukoll li l-gurati ma huma bl-ebda mod marbutin bil-kummenti li jista' jaghmel l-Imhallef dwar il-fatti:

"Anke jekk jiena nghaddi xi kumment dwar il-fatti Sinjuri Gurati, dwar x'seta' gara jew x'ma garax - u l-ligi ma tipprekludinix, ma tghidx li jiena ma nistax naghmel dan - jiena noqghod hafna attent biex kwalsiasi kumment ikun limitat ghal dak li huwa verament essenzjali, <u>intom b'ebda mod, b'ebda mod ma intom marbuta b'dak il-kumment, b'dik l-osservazzjoni, li jiena nista' naghmel dwar il-fatti jew dwar il-provi.</u> U jista' jkun li anke matul il-kors tal-guri, Sinjuri Gurati, li jiena nkun qed nisma' l-provi bhalkom, nista' nkun ghamilt xi mistoqsija lil xi xhud li jiena naghtikom x'tifhmu li jiena lil dak ix-xhud qed nemnu jew li lil dak ix-xhud mhux qed nemnu, per ezempju. Naghmel x'naghmel mistoqsijiet bhal dawk intom naturalment tridu tisimghu, pero` dan ma jfissirx li intom marbutin b'dik il-fehma li jiena forsi stajt esprimejt b'dik il-mistoqsija. Kif intqalilkom, u ntqalilkom tajjeb, intom ma tistghux tissostitwixxu l-kuxjenza taghkom bil-kuxjenza tieghi. Jiena ghandi r-responsabbilta` tieghi, nerfaghha u sa issa ghal grazzja t'Alla dejjem erfajtha, u erfajtha kif jidhirli li ghandi nerfaghha, pero` intom ma tistghux tissostitwixxu l-kuxjenza taghkom bil-kuxjenza tieghi. Intom tridu tkunu sodisfatti…. Jekk jiena ghalhekk nghaddi, jew forsi waqt il-guri stajt ghaddejt xi kumment fuq il-fatti, tali kumment naturalment kif ghidtilkom, tisimghuh pero` intom liberi li tinjorawh kompletament dak il-kumment, dik l-osservazzjoni dwar il-fatti. <u>Jiena bl-ebda mod ma nista' u lanqas ser nipprova norbotkom dwar fatti.</u>

… meta nghidu li intom imhallfin tal-fatti, ifisser li meta jiena nigbor il-provi saljenti tal-kaz, jigifieri meta naghmlu dak li nsejhulu resumee tal-provi, ma jfissirx li huma dawk il-provi biss li nsemmi jiena li intom ghandkom tiehdu in

konsiderazzjoni jew li huma importanti. Xejn affattu Sinjuri Gurati. Mela jekk jiena nsemmi cirkostanza, prova jew xhud partikolari, u ma nsemmix cirkostanza, prova jew xhud iehor, intom liberi li tghidu, imma ahna jidhrilna li mhux dik il-prova, ic-cirkostanza u x-xhud ghandna bzonn, huwa importanti, kif qed ighid l-imhallef, imma cirkostanza, prova jew xhud iehor. Ukoll wahda mill-affarijiet mill-principju li intom l-imhallfin tal-fatti. Nerga' nirrepeti li sa fejn si tratta ta' fatti intom b'ebda mod ma intom marbuta b'dak li nista' nghid jiena dwar il-fatti. Intom l-imhallfin sovrani, u fuqkom biss il-bwon sens taghkom u l-gurament li hadtu fil-bidu ta' dan il-guri" (sottolinear tal-Qorti).

L-appellant jilmenta li l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri mar oltre minn dak li jipprovdi l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali fis-sens li fl-indirizz ghandu "jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom". Izda dan l-artikolu jipprovdi wkoll li l-Imhallef jista' wkoll "jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu". Fid-dawl ta' dan, fid-dawl tal-kjarezza li biha l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri spjega lill-gurati r-rwol taghhom, u fid-dawl tas-siltiet mill-awturi li ghalihom saret referenza aktar 'il fuq, din il-Qorti ma ssibx li l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri wera "bias" jew "unfairness" meta fl-indirizz tieghu (a pagna 30 u 31) stieden lill-gurati biex juzaw il-kriterju tal-verosimiljanza, cioe` biex jaraw jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa, u elenka numru ta' mistoqsijiet li setghu jaghmlu dwar ix-xiehda li nghatat minn uhud mix-xhieda. Dan aktar u aktar meta jirrizulta li dik li hi t-tezi tad-difiza giet ukoll imfissra lill-gurati.

Din il-fehma hi msahha minn dak li qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** (p. 464 para. 4-376) u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately

placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li gie misjub hati hazin fuq il-fatti.

Fir-rikors ta' appell tieghu jghid li huwa manifest illi l-gurati ma ggudikawx l-fatti fuq il-bazi tal-principji legali fundamentali tal-process kriminali, "u cioe` illi l-akkuzat hu prezunt innocenti u jibqa' hekk ikkunsidrat sa ma jigi ppruvat illi hu hati; illi l-piz tal-prova tal-htija qieghed fuq il-prosekuzzjoni u liema piz jibqa' fuq il-prosekuzzjoni sat-tmiem tal-process; illi biex tkun tista' tinstab htija l-prosekuzzjoni trid tipprova l-htija dwar l-akkuzi sal-grad tac-certezza morali; illi d-dubbju ragonevoli ghandu jmur favur l-akkuzat; u jekk l-akkuzat jaghzel li jaghmel xi prova hu bizzejjed ghalih jekk din jaghmilha sal-grad tal-probabilita`".

Skond l-appellant, dak li huwa qal meta xehed waqt il-guri, "mhux talli ma gie prattikament kontradett minn hadd, hlief minn xhieda illi b'certezza jew inkella bi probabilita` kbira gidbu u li mhumiex ikkorroborati la minn xhieda ohra u lanqas minn cirkostanzi, u mhux talli ma gie kontradett minn ebda cirkostanza illi tiswa bhala prova, izda talli wkoll f'hafna affarijiet ix-xiehda tieghu hi korroborata minn xhieda ohrajn jew minn cirkostanzi. Mill-banda l-ohra", ikompli jsostni l-appellant, "diversi xhieda importanti tal-prosekuzzjoni jew ikkorroboraw lill-esponent inkella jew ikkontradicew lilhom infushom jew mhumiex korroborati la minn xhieda ohra u lanqas minn cirkostanzi".

In sostenn ta' dan, l-appellant jelenka sensiela ta' ezempji li, skond hu juru
l-kontradizzjonijiet u/jew gideb li waqghu fihom diversi xhieda:

1. L-appellant ighid li meta fit-12 ta' April 1996 dahlu l-Pulizija fil-Webbes Bar biex jaghmlu t-tfittxija, huwa kien hiereg mill-i*store*. Izda filwaqt li P.S. 201 Sandro Magro qal li kien diga` beda jaghmel tfittxija fuq persuna ohra meta ra lill-appellant hiereg mit-*toilet*, dan gie kontradett mill-Ispettur Neville Aquilina li kien l-ewwel wiehed li dahal fil-Bar u li xehed li kif dahal, ra lill-appellant hiereg mill-i*store* u P.S. Magro mar fuqu mill-ewwel.
2. L-appellant ighid li d-droga li nstabet fit-*toilet bowl* ma kenitx tieghu. Issa skond Alison Gauci, meta dahlet fil-kamra tat-*toilet* ma nnutat xejn izda meta giet biex tohrog innutat li fit-*toilet bowl* kien hemm borza zghira trasparenti b'pakketti fiha li hasbet li kienet droga; pero` ddecidiet li ma titkellem xejn. WPS 102 Ruth Magro xehdet li ma rat xejn la qabel ma Alison Gauci poggiet fuq it-*toilet bowl* u lanqas wara li din lestiet. Peress li l-kamra tat-*toilet* hi zghira hafna, u dan gie anke osservat mill-gurati waqt access, dan ifisser, ighid l-appellant, li probabilment WPS Magro harget mill-kamra tat-*toilet* qabel ma harget Alison Gauci u li d-droga thalliet mill-istess Alison Gauci. Ghalhekk isostni li l-istorja ta' Gauci kienet wahda vvintata.

3. Jirreferi wkoll l-appellant ghal dak li skond hu huma verzjonijiet differenti li taghti Alison Gauci dwar id-diskors li allegatament sar dwar bejgh ta' "telecell" mill-appellant, u dwar il-mument li fih rat il-borza fit-*toilet bowl*.

4. L-appellant jinnega li kellu xi assocjazzjoni jew xi forma ta' ftehim iehor dwar droga ma' Christopher Schembri, ir-ragel tat-tifla tieghu. Dan Christopher Schembri kien ghamel stqarrija lill-Pulizija u li kkonferma, b'xi tibdil zghir, quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn allega li l-appellant kien hajru biex jibda jbieghlu d-droga u ta' dan kien jaghtih mas-Lm60 jew Lm70 fil-gimgha. Fil-kors tal-guri, Christopher Schembri qal li fl-istqarrija kien gideb fil-konfront ta' l-appellant u li dan ghamlu biex ipattihielu ghal dak li kien ghamillu. Dwar Schembri, l-appellant ighid fir-rikors ta' l-appell li "hu veru illi fil-kors tax-xiehda tieghu Schembri qal xi affarijiet illi wiehed ma jemminx malajr izda rrizulta wkoll illi mhux biss dan kien bniedem ivvizzjat, izda talli wkoll illi hu llitterat, kwazi stupidu, u li sa meta gie biex jizzewweg fl-eta` ta' 19-il sena kien ghadu ma rceviex il-Grizma tal-Isqof". Ighid li nonostante dan, il-gurati ghazlu li joqoghdu fuq l-istqarrija li Schembri kien ghamel lill-Pulizija u dan a bazi tad-dispozizzjonijiet specjali ta' l-artikolu 30A tal-Kap 101. Ighid ukoll l-appellant li l-allegazzjonijiet ta' Schembri fl-istqarrija tieghu ma huma korroborati minn l-ebda xhud jew cirkostanza u hemm ukoll ic-cahda ta' l-appellant dwar dak li kien allega Schembri fl-istqarrija tieghu.

5. Xhud iehor tal-prosekuzzjoni kien certu Jason Busuttil li allega li l-appellant gieli bieghlu d-droga eroina u kokaina. L-appellant ighid li huwa mhux biss cahad li qatt ghamel xi haga bhal din izda talli wkoll xehed li l-ewwel darba li ra lil Jason Busuttil kien fil-kors ta' l-atti tal-kumpilazzjoni. Inoltre jsostni li meta wiehed jigi biex jizen dak li xehed l-istess Jason Busuttil fil-kawza tieghu u fil-guri ta' l-appellant u dan ukoll fil-konfront ta' dak li xehed l-Ispettur Neville Aquilina fl-istess proceduri, wiehed jiltaqa' ma' diversi stramberiji, u cioe`:

- meta Jason Busuttil xehed fil-kawza tieghu allega li gieli cempel lill-appellant fuq zewg numri differenti ta'

*mobile phone*, izda rrizulta li l-appellant dak iz-zmien ma kellux *mobile phone*, li n-numri li semma ma kinux jezistu fid-29 ta' April 1996 u lanqas qabel, u l-Ispettur Aquilina naqas li jaghmel verifika dwar dan;

- il-kawza kontra Jason Busuttil ma kenitx dwar pussess ta' droga li dan allega li xtara minghand l-appellant izda dwar pussess ta' droga li xi hadd minn shabu kien xtara ghal xi erba' zghazagh minghand persuna li rrifjuta li jghid min hi. Madankollu fil-kawza tieghu ma xehedx dwar dik id-droga li kien inqabad biha izda ghamel allegazzjonijiet kontra l-appellant wara li kien ghamel ftehim mal-Pulizija biex il-Qorti ma taghfsux fil-piena;

- filwaqt li skond Jason Busuttil huwa ta l-informazzjoni lill-Pulizija qabel it-12 ta' April 1996, skond l-Ispettur Neville Aquilina din l-informazzjoni nghatatlu wara dik id-data;

- meta l-Ispettur Aquilina xehed fil-kawza kontra Jason Busuttil, qal li Busuttil kien utli hafna biex tigi individwata l-persuna li minghandha kien qieghed jixtri d-droga, izda skond Jason Busuttil stess ma setax jaghti dik l-informazzjoni ghax mhux hu kien xtara d-droga izda wehed minn shabu.

6. L-appellant ighid ukoll li ghal diversi domandi li saru waqt il-guri lil Jason Busuttil dwar zmien u cirkostanzi ohra, dan ghazel li jirrispondi li ma jiftakarx. Barra minn dan, ikompli jghid l-appellant, f'dak illi Jason Busuttil allega dwaru mhux biss ma hu korroborat minn hadd u minn xejn, izda talli wkoll waqt il-guri qal illi kull meta l-appellant bieghlu d-droga dan dejjem kien fil-Webbes Bar. Ighid li Jason Busuttil gideb meta xehed dwar fejn l-appellant bieghlu d-droga u dwar in-numri tat-telefon ta' *mobile phones* li skond hu kien icempel fuqhom lill-appellant.

7. L-appellant jirreferi wkoll ghal dik li skond hu hi stramberija ohra dwar *mobile phones* meta P.C. 579 Antoine Micallef xehed li waqt li l-appellant kien fid-Depot u ghamillu tfittxija, eleva minn fuq l-appellant *mobile*

*phone* u xi dokumenti li jiffurmaw id-Dok. NA 10. Il-*mobile phone* in kwistjoni kien inxtara xi granet qabel minn Etienne Vella. Huwa stramb, isostni l-appellant, kif l-allegata sejba ta' dawn l-affarijiet grat wara li kienet diga` saret tfittxija fuq l-appellant fil-hanut u kienu gew elevati mill-bwiet tal-jeans tlieta u ghoxrin karta zghar u s-somma ta' Lm852. Stramberija ohra, ighid l-appellant, hi li P.S. 1198 Norbert Ciappara (li meta xehed fil-guri kien Spettur) qal li kien eleva meter tal-ilma minn wara l-bank tal-bar meta l-ebda meter tal-ilma ma gie esebit fl-atti. Ighid ghalhekk li probabilment P.S. 1198 ma kien eleva l-ebda meter tal-ilma izda l-*mobile phone* u d-dokumenti formanti d-Dok. NA10 u li "jew bi zball, jew malizzjozament, dawn l-oggetti gew deskritti bhala elevati minn fuq il-persuna tal-esponent fid-Depot tal-Pulizija".

8. L-esperti Dr. Anthony Abela Medici u l-Ispizjar Mario Mifsud ma ghamlu l-ebda analizi biex jigi stabbilit jekk l-eroina li nstabet barra l-Webbes Bar hijiex ta' l-istess provenjenza ta' dik misjuba gewwa l-Bar u jekk setax kien hemm konnessjoni bejniethom. Ighid ukoll l-appellant li r-risposti li taw l-esperti dwar id-diversi karti vojta li nstabu fuq l-appellant u fil-garaxx aktar setghu hawdu l-fatti.

9. L-appellant isostni li huwa stramb kif il-Pulizija naqset li tipproduci lil Toni mlaqqam il-"Hollywood" li kien qieghed jakkumpanja lil Alison Gauci u lil xi haddiehor mill-persuni li nzertaw fil-Webbes Bar dak il-hin tat-tfittxija hlief ghal Joseph Agius, il-proprjetarju tal-Webbes Bar.

10. L-appellant jelenka mbaghad diversi cirkostanzi li jindikaw li hu korroborat f'hafna minn dak li xehed minn xhieda jew minn cirkostanzi.

Din il-Qorti elenkat fid-dettal is-sottomissjonijiet ta' l-appellant peress li l-qofol ta' l-appell huwa bbazat fuq apprezzament ta' fatti. Isegwi ghalhekk li jidhol in funzjoni l-principju ormai pacifiku fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li tali apprezzament huwa ezercizzju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati fil-kors tal-guri u li din il-Qorti ma tiddisturbax dak l-apprezzament, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u

ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha ta' apprezzament ta' fatt illi qed jigu sollevati f'din l-istanza effettivament gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw jekk hux il-kaz li jaghtu affidament ghal verzjoni jew ghal ohra. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-akkuzat, ossia ghac-cahdiet tieghu li kellu x'jaqsam mac-cirku tad-droga.

Din il-Qorti tixtieq tosserva l-ewwelnett li l-principji legali li ghalihom irrefera l-appellant, u li skond hu l-gurati ma ggudikawx fuq il-bazi taghhom, huma principji li kollha gew spjegati mill-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri mhux biss matul l-indirizz izda anke tul il-perkors tal-guri, u dan b'tali mod li huwa difficli li wiehed jimmagina li seta' kien hemm xi hadd mill-gurati li ma fehemx l-importanza ta' dawk il-principji.

Minn ezami tal-provi kollha migbura, huwa evidenti li hemm xiehda u provi konfliggenti, izda mhux tali li joholqu dak il-konflitt li necessarjament iwassal ghal dubbju ragonevoli, u hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emnuti, jiggustifikaw il-konkluzjoni raggunta mill-gurati. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita`, imma huwa kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal.

Din il-Qorti tosserva li xi kontradizzjonijiet li jirreferi ghalihom l-appellant huma aktar apparenti milli reali. Hekk, per ezempju, dwar l-allegata kontradizzjoni bejn dak li qal P.S. 201 Sandro Magro u l-Ispettur Neville Aquilina, huwa veru li l-Ispettur Aquilina xehed li kif dahal fil-Bar ra lill-appellant hiereg mill-kamra ta' l-istore u ra lil P.S. Magro sejjer mill-ewwel fuqu, izda jirrizulta wkoll li meta qal li rah hiereg mill-istore qal ukoll li din taghti ghall-kamra tat-*toilet* u waqt kontro-ezami qal li P.S. Magro l-ewwel mar fuq persuna ohra li kien hemm fil-hanut imbaghad gibed mill-ewwel fuq l-appellant. Ta' min ighid li l-appellant stess xehed li kien ghadu kemm uza t-*toilet* u fflaxxja.

L-appellant isostni li l-borza bil-qratas li nstabet fit-*toilet* setghet intefghet hemm biss minn Alison Gauci. Pero` ma tirrizulta l-ebda spjegazzjoni ghaliex, jekk dan hu minnu, hija ma fflaxxjatx wara li uzat it-*toilet*.

Dwar Jason Busuttil huwa minnu li hemm xi kontradizzjonijiet bejn dak li qal hu u dak li xehed l-Ispettur Neville Aquilina, kif ukoll li n-numri li ta tal-*mobile phones* lanqas kien ghadu sar kuntratt fuqhom sat-12 ta' April 1996. Mill-banda l-ohra hemm ix-xiehda ta' Christopher Schembri li ighid li hu kien ibiegh lil Jason Busuttil u dan gieli anke fil-Webbes Bar.

L-appellant jirreferi ghall-fatt li Jason Busuttil wiegeb li ma jiftakarx ghal certi mistoqsijiet li sarulu izda ma jirreferix ghall-fatt li anke Christopher Schembri iwiegeb fl-istess sens. Insibu wkoll xi kontradizzjonijiet fix-xiehda ta' Christopher Schembri bhal meta l-ewwel ighid li saqsa lill-

appellant jekk jistax jiehu xi karti li kellu (tape 17 side B page 2) imbaghad ighid li ma qallux li kien jehodlu l-karti (tape 20 side A page 3). Christopher Schembri kien ghamel statement fejn implika lill-appellant. Ikkonferma l-istatement bil-gurament, b'xi emendi zghar, quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dr. Noel Cuschieri. L-appellant ipingi lil Schembri bhala bniedem "kwazi stupidu", izda kien Schembri li, fl-1 ta' Frar 2000, flok ghadda guri bhala ko-akkuzat ma' l-appellant odjern, ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u fit-3 ta' Frar 2000 inghatat sentenza fil-konfront tieghu mnejn jirrizulta li sahansitra bbenefika mill-provvedimenti tal-artikolu 29 tal-Kap 101.

Dwar l-allegata sejba ta' *mobile phone* fuq l-appellant waqt tfittxija fid-Depot, haga li l-appellant fix-xiehda tieghu nnega li grat, il-Qorti tirreferi biss ghall-konfront li sar bejn P.C. 579 Antoine Micallef u P.S. 201 Sandro Magro fejn dan ta' l-ahhar qal li huwa kien ghamel *frisk search* lill-appellant fil-hanut u seta' ma ndunax bil-*mobile phone* izda qal ukoll li wara li ghamel it-tfittxija fil-hanut ma baqax il-hin kollu mieghu u lanqas kien hu li akkompanjah id-Depot.

L-appellant ighid li l-esperti m'ghamlux analizi biex jigi stabbilit jekk l-eroina li nstabet barra l-Webbes Bar kenitx ta' l-istess provenjenza ta' dik misjuba gewwa. Effettivament minn pagna ghaxra tar-relazzjoni ta' l-esperti forensici jirrizulta r-rizultat tal-kompozizzjoni kimika ta' l-eroina f'uhud mid-dokumenti ezaminati ghall-prezenza ta' dik id-droga, u specifikatament id-dokument 96AVG202b (il-borza tal-polythene li kienet imgezwra f'*computer paper* tal-BOV Ltd ta' Palace Square), id-dokument 96AVG207-5 (wiehed mill-qratas li nstabu go borza fit-*toilet* tal-Webbes Bar), id-dokument 96AVG207-23 (qartas iehor li nstab go l-istess borza fit-*toilet*) u d-dokument 96AVG208 (il-qartas li nstab taht il-Mini). Il-purita` ta' l-eroina tidher li tvarja minn 51.57% (ghall-qartas 207-5 u l-qartas 208) ghal 60.16% (il-borza 202b). Izda tirrizulta differenza sahansitra bejn iz-zewgt iqratas li kienu fil-borza li nstabet fit-*toilet*. Difatti filwaqt li l-qartas 207-5 kienet ta' purita` ta' 51.7%, dik fil-qartas 207-23 kienet ta' purita` oghla ta' 53.5%. Pero`, u dan huwa

sinifikanti, l-eroina fid-dokumenti 202b, 207-5 u 208 hi nieqsa mill-papaverine u min-noscapine u ghalhekk turi l-istess provenjenza. Dwar id-diversi karti li nstabu, din il-Qorti ma taqbilx li l-esperti aktar setghu hawdu l-fatti, anzi spjegaw b'mod dettaljat id-differenzi jew similaritajiet bejn id-diversi karti li gew elevati u anke l-mod kif dawn jintuzaw u kif isiru l-qratas.

Apparti x-xiehda ta' Christopher Schembri, ta' Jason Busuttil u ta' Alison Gauci, il-Qorti tirreferi ukoll ghal xi provi indizjarji bhalma huma s-sejba ta' karti mitwijin djagonalment fil-but tal-qalziet ta' l-appellant u l-borza mgezwra f'karta tal-fergha tal-Bank of Valletta ta' Palace Square (il-fergha fejn kien jahdem l-appellant) u f'liema borza kien hemm l-eroina li joholqu nexus bejn l-appellant u l-involviment tieghu.

L-appellant jinsisti li l-verzjoni tieghu hija l-verita`.

F'**Blackstone's Criminal Practice 1991** naqraw f'pagna 1392 paragrafu D21.17:

"The approach of the Court of Appeal to an appeal based solely on the Criminal Appeal Act 1968, s. 2(1)(a), was explained by Lord Widgery CJ in *Cooper [1969] 1 QB 267*. Assuming there was no specific error in the conduct of the trial … the court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict. This is because of the advanatage the jury have in seeing and hearing the witnesses, whereas their lordships normally determine an appeal on the basis of the papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed in the transcript of the Crown Court proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was legally error-free".

Fil-kaz in ezami dak il-"lurking doubt" ma jissussistix u ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud ukoll.

It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li jhoss hija wahda gravuza ferm tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u l-istat ta' sahhtu.

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, u specifikatament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali ta' l-appellant, iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u s-sentenza li nghatat fil-konfront ta' Christopher Schembri li kien ko-akkuzat ma' l-appellant. Inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena. Dwar il-kwistjoni ta' sahhet l-appellant se tipprovdi specifikatament.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Awissu 2001 b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' nofs l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum. Inoltre tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Habs li jassiguraw li l-appellant jibqa' jinghata l-kura u l-attenzjoni kollha mehtiega minhabba l-kondizzjoni ta' sahhtu, jaraw li din tinghata tempestivament, u jassiguraw li l-mezzi kollha idoneji jkunu disponibbli.

Tordna notifika ta' kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs mill-aktar fis.

Il-perijodu ghad-distruzzjoni tad-droga esibita f'dan il-kaz jibda jiddekorri millum. Tordna komunika immedjata lill-Ispizjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------